MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 341/2011/1

**Avukat Michael Zammit Maempel bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti minn Malta Elena Maci
v.
European Insurance Group Limited**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà *European Insurance Group Limited* [“id-Debitriċi”] minn dikriet mogħti fis-26 ta’ Mejju 2011 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili li biha ġiet miċħuda talba tad-Debitriċi magħmula taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jitħassar mandat esekuttiv ta’ sekwestru maħruġ kontra d-Debitriċi fuq talba ta’ Elena Maci [“il-Kreditriċi”]. Il-mandat kien inħareġ fit-18 ta’ Marzu 2011 biex tiġi eżekwita sentenza [“is-Sentenza taljana”] mogħtija mit-Tribunal ta’ Lecce fl-

Italja, qorti ta' stat membru tal-Unjoni Ewropeja, taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni, għarfien u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materja ċivili u kummerċjali ["*Bruxelles I*"].

2. Id-Debitriċi appellat mid-dikriet tas-26 ta' Mejju 2011 b'rikors tal-1 ta' Ġunju 2011, u l-Kreditriċi wieġbet fis-16 ta' Ġunju 2011.

3. Ir-raġuni oriġinali għala d-Debitriċi kienet talbet lill-ewwel qorti biex tħassar il-mandat kienet illi, fil-fehma tagħha, is-Sentenza taljana ma kinitx titolu eżekuttiv għax hi ma kinitx regolarment notifikata u għalhekk kienet għadha tista' tappella minnha, u dan kien ukoll l-aggravju tal-appell. Dan l-aggravju, iżda, ġie irtirat fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2012[1].

4. Waqt is-smigħ tal-appell, fid-29 ta' Settembru 2011, iżda, ġara illi d-Debitriċi tqiegħdet fi stralċ u nħatar stralċjarju taħt l-art. 28(1)(*f*) tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assikurazzjoni [Kap. 403]. Id-Debitriċi għalhekk b'rikors tat-29 ta' Ottubru 2011 talbet illi "l-proċeduri … jiġu sospiżi" fid-dawl ta' dak li jgħid u jrid l-art. 224(2) tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386]:

"**224.** (2) Meta jkun sar ordni għal stralċ … ma tista' tittieħed ebda azzjoni jew jinbdew xi proċeduri kontra l-kumpannija jew il-proprjetà tagħha ħlief bil-permess tal-qorti u taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti."

5. Il-Kreditriċi wieġbet fl-10 ta' Novembru 2011 u ressqet eċċezzjoni preliminari li tgħid illi r-rikors tad-29 ta' Ottubru 2011 ma jiswiex għax, meta sar, ir-rappreżentanza ġudizzjarja tad-Debitriċi kienet vestita fl-istralċjarju waħdu u għalhekk id-Debitriċi ma kellhiex *locus standi* biex tagħmel ir-rikors hi stess.

6. Din l-eċċezzjoni hija ħażina. Id-Debitriċi hija soċjetà anonima u għalhekk igħodd għaliha dak li jgħid l-art. 181A(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

---

[1] Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2012 id-Debitriċi irtirat *inter alia* "l-aggravji fil-paragrafu 6 tal-appell". Ir-referenza hija għar-rikors tal-appell fil-kawża numru 737/2010 bejn l-istess partijiet (dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenza taljana, li wkoll ġiet deċiża llum), u l-aggravju fil-paragrafu 6 kien dwar nuqqas ta' notifika. Il-ħsieb kien għalhekk li jiġi irtirat l-aggravju msejjes fuq nuqqas ta' notifika u fuq li, konsegwentement, iż-żmien għall-appell ma kienx beda jgħaddi.

"**181A.** (1) Meta tiġi preżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità ġuridika distinta, ikun biżżejjed li wieħed iniżżel isem dak il-korp.«

7. Għalhekk ma huwiex meħtieġ li r-rikors igħid illi jkun sar mill-istralċjarju f'isem is-soċjetà; biżżejjed li jitniżżel l-isem tas-soċjetà. Din l-eċċezzjoni preliminari hija għalhekk miċħuda.

8. Fil-meritu, il-qorti tosserva illi l-art. 224(2) ma jgħoddx għall-każ, billi l-mandat kien inħareġ fit-18 ta' Marzu 2011, qabel ma ngħata l-ordni ta' stralċ fid-29 ta' Settembru 2011, u għalhekk ma huwiex il-każ illi "nbdew xi proċeduri kontra l-kumpannija jew il-proprjetà tagħha" wara l-ordni ta' stralċ. Madankollu, billi, għar-raġunijiet mogħtija minn din il-qorti fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Novembru 2012 *in re* <u>Avukat Mark Refalo *nomine v. European Insurance Group Ltd*</u>[2] – li għaliha qiegħda ssir referenza u li wkoll kienet invokata mid-Debitriċi – stralċ taħt l-art. 28(1)(*f*) tal-Kap. 403 jitqies daqslikieku stralċ mill-qorti, igħoddu għalih id-dispożizzjonijiet tal-art. 222 u 303 tal-Kap. 386:

"**222.** Meta kumpannija tkun qed tiġi stralċjata mill-qorti, kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew eżekuttiv, barra minn mandat ta' inibizzjoni, maħruġ jew miġjub kontra l-kumpannija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null.

"**303.** (1) Kull … ħlas, eżekuzzjoni jew att ieħor dwar proprjetà jew jeddijiet magħmula mill-kumpannija jew kontriha … fi żmien sitt xhur qabel ix-xoljiment tal-kumpannija għandhom jitqiesu li huma preferenza bi frodi kontra l-kredituri tagħha, kemm jekk ikunu ta' xorta gratuwita jew jekk ikunu ta' xorta oneruża jekk … jekk tingħata preferenza, kemm-il darba l-persuna li favur tagħha jkunu saru ma tipprovax li ma kenitx taf u ma kellhiex raġuni taħseb li l-kumpannija kienet x'aktarx se tkun xolta minħabba insolvenza, u fil-każ li l-kumpannija tkun hekk xolta kull preferenza bi frodi tkun nulla."

9. *A contrario sensu* mill-art. 222, il-mandat ma huwiex null għax inħareġ qabel, mhux wara, l-istralċ. Madankollu, ma jista' jsir ebda ħlas lill-Kreditriċi bis-saħħa

[2] Rikors numru 163/2012 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 84/2012 .

tal-mandat għax dan ikun bi ksur tal-art. 303. Il-fatt illi l-mandat inħareġ bis-saħħa ta' sentenza li ġiet dikjarata eżekwibbli bis-saħħa ta' *Bruxelles I* ma jibdel xejn minn dan għax ma jistax jiġi eżekwit mandat bis-saħħa ta' sentenza bħal dik meta ma jkunx jista' jiġi eżekwit bis-saħħa ta' sentenza maltija. *Bruxelles I* jagħti lil sentenzi mogħtija minn qrati ta' stat membru tal-Unjoni Ewropeja l-istess saħħa bħal sentenza maltija, u mhux aktar.

10. Lanqas ma hu minnu dak li tgħid il-Kreditriċi fit-tweġiba tagħha tal-10 ta' Novembru 2011, illi jekk ma titħalliex teżekwixxi l-mandat dan ikun bi ksur tal-jeddijiet tagħha ta' smigħ xieraq taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali għax "[t]kun inibit[a] milli [t]ivvanta kwalunkwe dritt spettanti lil[ha] fil-konfront [tad-Debitriċi] u li [t]ingħata smigħ xieraq sabiex dak id-dritt jiġi determinat, ikkonfermat jew miċħud minn qorti kompetenti".

11. Id-dispożizzjonijiet tal-art. 303 tal-Kap. 386 ma jħassrux il-kreditu tal-Kreditriċi iżda biss iħarsu l-*par condicio creditorum* biex il-kreditriċi titħallas bl-istess modalità kif jitħallsu kredituri oħra u ma tingħatax trattament preferenzjali, kif qiegħda tippretendi. It-tqanqil ta' din il-kwistjoni mill-Kreditriċi, safejn tista' titqies bħala talba għal referenza taħt l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew taħt l-art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja [Kap. 319], huwa fil-fehma ta' din il-qorti sempliċement frivolu u vessatorju.

12. Il-qorti għalhekk tipprovdi dwar l-appell billi tikkonferma d-dikriet appellat fejn ċaħad it-talba għat-tħassir tal-mandat taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'dan iżda illi ma għandha ssir ebda eżekuzzjoni ulterjuri tal-mandat u ma għandu jsir ebda ħlas lill-Kreditriċi bis-saħħa tal-mandat.

13. Billi l-fatti li wasslu għad-deċiżjoni tallum – *viz.* l-istralċ tad-Debitriċi seħħew waqt is-smigħ tal-appell, u wkoll billi s-sentenza appellata safejn ċaħdet it-talba għat-tħassir tal-mandat ġiet konfermata, l-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell għandha tħallashom id-Debitriċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------